**PARROĊĊA TA' SAN PIETRU U SAN PAWL • In-Nadur • Għawdex**

*Uffiċċju: 21551649 • Dar Parrokkjali: 21560501 • www.nadurparish.com*

24 t'Ottubru, 2021

# JUM IL-MISSJONI

F'dan il-Ħadd li qegħdin fih, 24 t'Ottubru, il-Knisja mad-dinja kollha tiċċelebra Jum il-Missjoni. Mal-bullettin qiegħed jitqassam il-leaflet Għawdex Missjunarju. Għal din is-sena l-Papa Franġisku qalilna sabiex nirriflettu fuq sentenza li hemm fl-Atti tal-Appostli, "għax aħna ma nistgħux ma nitkellmux fuq dak li rajna u smajna". Dan il-kliem qaluh Pietru u Ġwanni. Dawn it-tnejn ħassew li dak li qal u wettaq Ġesù kellhom ixandruh biex persuni oħrajn isiru ħbieb ta' Ġesù u jemmnu fiH.




Parti mill-ġabra ta' din is-sena se tmur biex jiġu megħjuna tfal fil-Kambodja. Dawn it-tfal korrew serjament meta huma rifsu mines li tqiegħdu fl-art waqt li pajjiżhom kien għaddej minn gwerra. Hija ħaġa sabiħa li f'Jum il-Missjoni nitolbu għall-missjunarji. Nitolbu wkoll għal iktar vokazzjonijiet missjunarji, sewwa saċerdoti kif ukoll reliġjużi nisa u lajċi li jmorru għal xi żmien jagħmlu ħidma missjunarja.

Qegħdin fix-xahar ta' Ottubru. Nistedinkom biex noffru t-talba tar-Rużarju għas-suċċess tal-Evanġelizzazzjoni u għall-missjunarji tal-parroċċa tagħna. Fosthom insemmi lil Suor Lux Marie li qiegħda fl-Etjopja u Dun Raymond li qiegħed fil-Peru.

*L-Arċipriet Jimmy Xerri*

**DATI TAL-EWWEL TQARBINA U TAL-GRIŻMA 2022**

Kellna xi tibdil minħabba attivitajiet djoċesani li se jsiru.
Id-data tal-Ewwel Tqarbina se tkun fid-29 ta' Mejju, 2022 filgħodu.
Id-data tal-Griżma tal-Isqof se tkun il-Ġimgħa 10 ta' Ġunju, 2022 fis-7:00pm.

**AVVIŻI:**

**GĦOTI TAD-DEMM:** illum il-Ħadd 24 t'Ottubru fil-Berġa tax-Xewkija mit-8:00am sas-1:00pm.

**RUŻARJU FIL-BERAĦ:** nhar l-Erbgħa 27 ta' Ottubru fl-4:15pm San Blas fil-partita.

**AVVIŻ GĦAT-TFAL TAL-YEARS 2, 3, 4 u 5:** nhar l-Erbgħa 27 ta' Ottubru ma għandniex ċelebrazzjoni fis-Sala Parrokkjali. Il-laqgħa li jmiss tkun dik tat-Tlieta 2 ta' Novembru fl-4:00pm fiċ-ċimiterju tal-Ħniena Divina.

**L-GĦAQDA DUN FRANĠISK GRIMA:** tavża li nhar il-Ħamis 28 t'Ottubru se nżuru l-mitħna tax-Xewkija. Niltaqgħu fid-9:30am ħdejn iċ-Ċentru Parrokkjali u wara mmorru nieħdu kafè.

**ĠABRA GĦAN-NAR:** l-Għaqda tan-Nar se tagħmel il-ġabra ta' San Koronatu għan-nar, mill-bidu nett tax-xahar ta' Novembru. Ngħinu mill-aħjar li nistgħu.

**IĊ-ĊIMITERJI:** il-ħinijiet tal-quddies fiċ-ċimiterji tagħna matul ix-xahar ta' Novembru, huma mwaħħlin fin-notice board jew max-xatba ta' kull ċimiterju. Sar xogħol ta' tindif u manutensjoni fiċ-ċimiterji matul ix-xahar ta' Ottubru. Barra minn hekk sar tindif u qtugħ tal-ħaxix ħażin. Nitolbukom tikkollaboraw mal-parroċċa tagħkom billi dejjem tużaw l-iskips u l-kontejners li hemm għall-fjuri nexfin u għax-xemgħat użati. Tħallux fliexken għall-ilma taħt is-siġar. Matul ix-xahar ta' Novembru tistgħu tiġu tagħtu l-kontribuzzjoni tagħkom għaż-żamma taċ-ċimiterji. Nirringrazzjaw lil kulħadd.

**IKLA BUFFET TA' SAN KORONATU:** organizzata b'risq il-Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira nhar il-Ħadd 14 ta' Novembru f'nofsinhar fil-Country Terrace Restaurant, l-Imġarr. Il-prezz huwa ta' €25 għall-kbar u €12 għat-tfal. Il-biljetti jistgħu jinkisbu mill-Uffiċċju Parrokkjali jew billi ċċemplu fuq 79237505, 79932414 jew 79552445.

**RIĊIKLAĠĠ:** f'Awwissu 2013 konna bdejna proġett ta' ġbir ta' fondi peremzz tal-ġbir ta' ram u brass. Issa kif tafu qegħdin niġbru wkoll l-aluminju. Dak li jinġabar imur għall-parroċċa biex ikollna fondi ħalli mmexxu. Dan l-aħħar sar kalkolu ta' kemm inġabru fondi s'issa. Is-somma kienet ta' €14,616.00. Nirringrazzjaw lil kulħadd. Dis-sena li qegħdin fiha se tkun is-sena li l-iktar inġabru fondi mill-bejgħ tal-metalli. Ma ninsewx li din l-attività ta' fundraising isservi wkoll biex inkunu aktar konxji li għandna nħarsu l-ambjent. Id-dinja hija mislufa lilna biex inħarsuha.

**Ħin tal-Quddies**

**Ħdud u Festi:** 5:30am; 6:30am; 8:30am; 9:45am; 11:00am; 5:00pm; 7.00pm

**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5:30am; 6:15am; 7:00am; 7:45am; 9:00am; 5:00pm; 6:30pm

**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.15am

**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am

**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am